Cit Nru:

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI(MALTA)**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D**

**Citazzjoni numru 85/1995**

**Illum 08 ta' Jannar, 2002**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Alexandra Farrugia Mamo u Raymond Vella Gregory)**

**vs**

**Eugenio Frantz**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kollha migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur :

a) Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikoli jew xi haga ohra, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta.

b) Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli taghti l-piena stabbilta mill-Ligi, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li jinhatru xi esperti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja (fol 6 ibid).

Semghet lil imputat jiddikjara li ma hux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u li ma ghandux oggezzjoni ghall-imsemmija procedura (fol 6 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess akkuzat (fol 136 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghandu jinghad minnufih li l-istess akkuzat, kif jidher a fol 11, 19 u 49 tal-istess atti, ezenta lil din il-Qorti minn nomina ta' espert in konnessjoni mal-videos in kwistjoni. Difatti hu ddikjara, u accetta bhala fatt, illi l-videos esebiti u mmarkata bhala dokument numru erbgha (4) "huma kollha kopji tal-original, minghajr il-licenzja necessarja tal-propjetarju".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in riassunt il-prosekuzzjoni pproduciet is-segwenti provi:

a) Ix-xhieda tal-istess ufficjal prosekutur (fol 12 u 43 tal-istess atti). Minn din ix-xhieda jirrizulta li, matul Lulju 1994, l-ispettur Alexandra Farrugia Mamo kienet irceviet kwerela minghand l-avukat Dottor Patrick Galea u bid-data tat-12 ta' Lulju, 1994 (ara fol 14 tal-atti ossija d-dokument bin-numru wiehed (1)). Skond l-istess kwerela, il-pulizija giet mitluba sabiex tinvestiga allegat bejgh ta' video casettes pirata minn kiosk fix-xatt ta' Bugibba. Hawnhekk l-istess spettur irrakontat li fit-8 ta' Lulju 1994 kienet diga ghamlet tfittxija fl-istess kiosk, stante li kienet giet informata precedentement dwar dan il-kaz, mill-istess avukat, permezz ta' telefonata. Minn din it-tfittxija rrizulta li dan l-istabbiliment kien gestit

mill-akkuzat odjern u li fih instabu tletin (30) video casettes li gew elevati (ara l-anness dokument mmarkat mumru erbgha (4) gia imsemmi, kif ukoll ix-xhieda ta' PC 569 Anthony Cassar a fol 25 tal-istess atti). In oltre, l-istess video casettes huma elenkati f'lista mmarkata bin-numru tlieta (3) a fol 15 tal-atti (ara ukoll ix-xhieda ta' PC 650 Noel Bartolo dwar il-licenzja f'isem l-akkuzat esebita a fol 22 ibid, ta' PC 1262 Spiridione Zammit a fol 23 u tal-imsemmi PC 569 Anthony Cassar a fol 25 ibid).

b) L-imsemmi Avukat Dr Patrick Galea (fol 17, 60 u 64 ibid) xehed f'diversi okkazjonijiet. Hu beda billi kkonferma l-kwerela in atti gia msemmija u specifika li, in rigward dan, kien qed jagixxi bhala prokuratur specjali ta' diversi ditti esteri li lilhom jappartjeni d-dritt tal-awtur ('copyright') u in konnessjoni mal-original, li a bazi taghhom kienu gew pubblikati u resi accessibbli ghall-akkwist mill-pubbliku, diversi kopji llegali, bi ksur ta' dan id-dritt imsemmi. In rigward l-inkarigu li nghata sabiex jagixxi bhala prokuratur specjali kif gia premes, gie prodott in-Nutar Maurice Gambin (fol 46 ibid) li esebixxa bhala dokument wiehed enumerat hamsa (5) kopja ufficjali ta' seba atti bid-data tat-8 ta' Marzu, 1994 u li permezz taghhom gew transuntati il-prokuri imsemmija rilaxxati minn diversi propjetarji esteri ta' drittijiet tal-awtur, liema prokuri nhargu favur l-istess avukat Dottor Patrick Galea (ara fol 48 ibid). L-avukat Dottor Patrick Galea kompla jghid li l-mandanti tieghu kienu tawh struzzjonijiet sabiex "nissospendi l-proceduri u mhux imwaqqafhom" u dan sabiex jara jekk kienx hemm xi possibilita ta' transazzjoni, ossija arrangament mal-akkuzat. In oltre, semma ukoll li kellu ukoll, skond l-istess struzzjonijiet sabiex "nipprovdi l-provi kollha ghal prosekuzzjoni sabiex ikunu jistghu jmexxu l-kaz". L-istess xhud accenna ghal u semma 'il-prova necessarja dwar il-prova tal-propjeta tal-'copyright'". Difatti in rigward dan il-punt, l-istess xhud esebixxa diversi affidavits (minn fol 68 il-quddiem tal-atti) debitament awtentikati u certifikati mill-awtorita kompetenti amerikana, bhala prova dwar minn kienu l-propjetarji tad-dritt tal-awtur relattivi ghal dan il-kaz. (Ara ukoll dak verbalizzat a fol 100 dwar "xi copyright certificates oltre dawk li gia esebejt").

c) In Konessjoni mat-tieni (2) akkuza in ezami, giet esebita, kif diga issemma, il-licenzja tal-pulizija relattiva ghal dan il-kaz mahruga fuq isem l-akkuzat u dan in konnessjoni ma' bejgh ta' diversi prodotti fosthom 'video casettes'.

d) In oltre, giet esebita minn Dr Raymond Scerri (fol 39 et seq ibid) kopja vera u awtentikata tal-'Universal Copyright Convention' ratifikata hawn Malta fl-1968 (ara fol 28 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat permezz tal-abbli difensur tieghu, issottometta nota ta' sottomissjonijiet (fol 126 tal-atti). Hawnhekk hu beda biex jghid li sabiex jinbdew proceduri bhal dawk in ezami, hemm stipulat li dawn jistghu jinbdew permezz ta' kwerela tal-'parti lesa' (ara l-artikolu 298B (2) tal-Kodici Kriminali). Dwar dan, l-akkuzat sahaq li l-imsemmija 'affidavits' (fol 68 et seq ibid immarkati Dok Z1 sa Dok Z5) ma humiex ammissibbli skond il-Kodici Kriminali. F'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni kienet esebithom, permezz tal-avukat Dottor Patrick Galea sabiex tipprova minn kienu l-propjetarji tad-dritt tal-awtur f'dan il-kaz. L-akkuzat, pero, jsostni illi "..... 'affidavits' b'ebda mod ma jistghu qatt ikunu ammissibbli'. Anzi tali prova kellha ssir a bazi ta' ittri rogatorji skond l-artikoli 618 u 619 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar dan il-punt, l-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali jghid li l-artikoli, hemm citati, tal-imsemmi Kapitolu 12, huma wkoll applikabbli u jghoddu ghall-Qorti tal-Gustizzja Kriminali. In materja ta' 'affidavits', fil-kamp kriminali, l-artikolu 622A (1) tal-istess Kapitolu 12 jirregola l-ammissibbilita ta' 'affidavits' ta' xhud residenti barra minn Malta, limitatament, pero, ghall-kamp Civili. Difatti l-ahhar artikolu citat ma hux inkluz fost dawk specifikati fl-imsemmi artikolu 645. Ghalhekk jidher li fil-kamp Kriminali, xhieda permezz ta' affidavits ta' persuni residenti barra minn Malta ma hix ammissibbli bhala prova.

Dan premess, jidher li dak sotttomess mill-akkuzat ghandu jigi akkolt fis-sens li l-prova dwar min setghu kienu il-partijiet lesi f'dan il-kaz ma saritx skond il-Ligi u bil-mezzi premessi mill-istess ligi.

Ghalhekk in rigward l-ewwel akkuza fejn hemm rikjesta l-kwerela tal-parti lesa sabiex il-pulizija tkun tista tmexxi kriminalment kontra persuna, ma irrizultatx li l-kwerela in attti saret mill-avukat Dottor Patrick Galea “qua” mandatarju tal-propjetarji tad-dritt tal-awtur u in vista li l-imsemmija affidavits u dokumenti annessi maghhom ma humiex ammissibbli skond il-Ligi.

Konsegwentement, minhabba dan in-nuqqas processwali, l-akkuzat ghandu jinstab mhux hati tal-ewwel akkuza.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-akkuzat mhux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah minnha.

Pero, mill-provi prodotti u mid-dikjarazzjonijiet li saru, ma hemm ebda dubbju li l-akkuzat kiser id-dispozizzjoni tar-regolament imsemmi 2 (1) (2) tal-Avviz Legali  numru 120 tal-1992 li fuqu hi bazata t-tieni ‘akkuza’ li ma tirrikjediex kwerela skond kif premess.  In rigward dan, din il-Qorti rat kemm l-avviz legali citat kemm il-Ligi principali, ossija li l-kapitolu 128 tal-Ligijiet ta’ Malta, a bazi ta’ liema ligi kien inhareg l-istess avviz legali u ma sabitx li r-regolament citat jammonta ghal reat kriminali stante li ma hemm imposta ebda piena ossija prigunerija, multa, detenzjoni jew amenda.

Jidher difatti li f’kaz li c-cirkostanzi tal-kaz jammontaw ghal dak stupulat fl-istess regolament, il-Qorti trid timponi biss dak specifikat fir-regolament 2 (2) tal-istess Avviz Legali.

Ghalhekk l-Qorti tordna l-konfiska tal-video casettes kollha esebiti mal-atti u mmarkati bhala Dok numru erbagha (4) skond kif elenkati fuq id-dokument immarkat Dok 3 a fol 16 tal-atti, stante li dawn, ‘ex admissis’ huma kopja illegali.

In oltre, l-Qorti wara li rat ir-regolament 2 (2) tal-istess Avviz Legali numru 120 tal-1992, tiddikjara li l-licenzja tal-pulzija esebita mal-atti a fol 22 skadiet minnufih u awtomatikament skond kif hemm specifikat fl-istess regolament.

Alan Calleja
Dep Reg                                        Veru kopja

Ghar-Registratur.